**A.L. 105 ta' l-2006**

## ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)

### Regolamenti ta' l-2006 dwar l-Eżerċizzju ta' Professjonijiet Konkorrenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(2) ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-Ministru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 dwar l-Eżerċizzju ta' Professjonijiet Konkorrenti. Titolu.

**2.** (1) Ebda tabib jew dentist ma jista' jkun reġistrat jew jeżerċita l-professjoni tiegħu konkorrentement ma' xi professjoni oħra fil-professjonijiet tas-saħħa, ħlief fil-każ eċċezzjonali ta' l-ispeċjalità ta' kirurġija tal-ħalq, ix-xedaq u l-wiċċ (oro-maxxella-faċjali). Eżerċizzju konkorrenti.

(2) Fil-każ ta' professjonijiet oħra tas-saħħa li jenħtieġu reġistrazzjoni f'aktar minn reġistru wieħed, għandha tapplika din il-proċedura li ġejja:

(a) l-applikant għandu jinforma lill-Kunsill rilevanti b'kull reġistrazzjoni jew applikazzjoni pendenti li tkun saret lil xi Kunsill ieħor. Kull nuqqas milli jsir dan jirriżulta fl-iskwalifika awtomatika milli ssir xi applikazzjoni oħra.

(b) l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni u l-eżerċizzju doppji għandhom jiġu valutati mill-Kunsilli rilevanti abbażi ta' dawn il-kriterji li ġejjin:

(i) l-interessi konfliġġenti li jista' jkun hemm,

(ii) implikazzjonijiet li jolqtu lill-pazjenti u lill-komunità,

(iii) il-kapaċità li sodisfaċentement jinżamm livell ta' żvilupp professjonali kontinwu fiż-żewġ professjonijiet,

(iv) implikazzjonijiet regolatorji.

Kriterji mehtieġa għar-reġistrazzjoni.

**3.** L-applikant għandu jwettaq il-kriterji korrenti kollha meħtieġa għar-reġistrazzjoni taż-żewġ professjonijiet tas-saħħa.

Reġistrazzjoni konkorrenti doppja.

**4.** Ir-reġistrazzjoni konkorrenti u l-eżerċizzju doppji jistgħu jkunu limitati b'kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill rilevanti u approvati mill-Ministru.

Kodiċijiet ta' etika u ta' l-eżerċizzju professjonali.

**5.** L-applikant li jingħata permess, huwa għandu jġib ruħu skond il-Kodiċi ta' Etika u l-Kodiċi ta' l-Eżerċizzju Professjonali għaż-żewġ professjonijiet li huma.

Responsabbiltà.

**6.** L-applikant li jingħata permess jista' jġarrab kull azzjoni dixxiplinarja, akkuża ta' reat u tħassir minn reġistru skond ma hemm speċifikat fit-Taqsima VII ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.